MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2013

Numru. 167/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Kurt Grima ta’ 27 sena, iben Mario u Irene xebba Galea, imwieled Pieta` fis-17 ta’ Frar, 1985, residenti 167, Triq Ghajn Dwieli, Paola u detentur tal-karta tal-identita` numru 0138785M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar is-27 ta’ Gunju 2012 u kif ukoll nhar it-03 ta’ Gunju, 2012, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda.

1. talli nhar is-27 ta' Mejju 2012, ghal habta tad-09:30 ta' filghodu minn gewwa residenza maghrufa bhala 'St. Joseph'u sitwata gewwa Triq Qrejten, Hamrun, ikkommetta serq ta' diversi gojjelli tad-deheb, mobile phone ta' ghamla Nokia u ta' hames (5) arloggi ta' l-idejn liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi elfejn tliet tmija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-mezz u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Carmelo Gauci detentur tal- karta ta' l-identita: 0198457M u/jew ta' persuni ohra.

2. u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara ma teccedix l-ammont ta' mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmi (€116.47) u li liema hsara saret fuq bieb ta' residenza maghrufa bhala 'St. Joseph' u sitwata gewwa Triq Qrejten Hamrun, ghad-dannu ta' Carmelo Gauci detentur tal-karta ta; Identita: 0198457M

3. talli nhar it-03 ta' Gunju, 2012 ghall-habta tad-9:00 ta' filghaxija minn gewwa residenza numru 12,, sitwata gewwa Triq San Frangisk, Hamrun, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u cioe` sitt mitt (600) euro fi flus kontanti, monitor ta' ghamla 'DELL' ta' ammont mhux maghruf, ammont ta' gojjellerija li tikkonsisti f'deheb u kif ukoll arma tan-nar cioe ` senter bin-numru ta' serie 15997 ta' valur ta' elef u mitejn (1,200) euro liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' James Brincau detentur ta' karta ta' identita: 0400970M u/jew persuni ohra;

4. u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmi (€116.47) u li liema hsara saret fuq bieb ta' residenza numru 12, u sitwata gewwa Triq San Frangisk Hamrun, ghad-dannu ta'

James Brincau detentur ta’ karta ta’ identita: 0400970M u/jew persuni ohra;

5. talli laqa’ ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti hija wkoll mitluba biex f’kaz ta’ htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta’ l-artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta wra li kien misjub hati ta’ diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentezi saru definittivi u ma jisghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, izda l-Qorti ma tistax tinjora l-fedin penali refrattarja teighu u l-fatt illi huwa recidiv.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 18, 261(b)(c)(e)(f), 203(a), 265, 266(1), 267, 269(g), 270, 279(b), 325, 334(a), 49, 50 u 289 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabex l-imputat jibda jsegwi minnufih programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------